MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' April, 2007

Numru 837/2006

Il-Pulizija
(Sp Johan Fenech)
vs
Robert Ciantar, iben Emanuel, imwieled Pieta' fis-17 ta' ġunju, 1983

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-26 ta' mejju, 2006 għal ħabta tat-12.40 p.m. fi Triq in-Noqqra, Birżebbuġia, volontarjament ikkaġuna ħsara fuq il-vettura tal-għamla Opel Corsa, bin-numru tar-reġistrazzjoni ALF 216, għad-dannu ta' Alfred Falzon minn Ħal-Qormi, liema ħsara hi ta' Lm129.80;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi nsulenta lil Alfred Falzon;

3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat, storbju, ġlied, dagħa jew mod ieħor;
4. talli sar reċidiv b'sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-28 ta' mejju, 2002, talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżifit-13 ta' ottubru, 2004, fit-22 ta' ġunju, 2005 u fl-14 ta' novembru, 2005 liema sentenżi saru definittivi.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tapplika l-piena stabbilita għal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' ta' Alfred Falzon.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' april, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u seduta stante ħallas id-danni kollha li hu għamel fil-karozza ta' Alfred Falzon.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 325(1)(b), 338(dd), 339(1)(e), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------